MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 1878/1995/1

**Oil & Construction International Limited u b'nota tat-2 ta' April 2002 l-isem tas-socjeta' attrici gie mibdul ghal Engineering & Construction Management Limited**

**vs**

**Petroil Engineering Services Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tar-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi:

Peress illi s-socjeta' attrici dahlet f'kuntratt ta' appalt ma' *Enemalta Corporation* in konnessjoni mal-progett "*Phase IIA Extension"* fid-Dellimara *Power Station* (Enemalta Contract DPS 200-03);

Peress illi s-socjeta' attrici dahlet f'kuntratt ta' sub-appalt mas-socjeta' konvenuta (is-"Sub-Appalt", kopja hawn annessa u mmarkata Dok. 'A') u dana in konnessjoni mal-appalt imsemmi fl-ewwel premessa;

Peress illi l-obbligi tas-socjeta' konvenuta taht is-Sub-Appalt kienu jinkludu xoghlijiet ta' inginerija u kostruzzjoni u dana kif dettaljat fis-Sub-Appalt;

Peress illi s-socjeta' konvenuta naqset milli tonora certi mill-obbligi li kellha taht is-Sub-Appalt;

Peress illi s-socjeta' konvenuta kienet negligenti fl-esekuzzjoni ta' certi mill-obbligi taghha taht is-Sub-Appalt;

Peress illi s-socjeta' konvenuta kienet tardiva fl-esekuzzjoni tal-obbligi li onorat taht is-Sub-Appalt, kemm dawk onorati skond il-Kuntratt kif ukoll dawk onorati b'nuqqasijiet;

Peress illi s-socjeta' attrici pprovdiet servizzi u assistenza lis-socjeta' konvenuta oltre dak kontemplat fis-Sub-Appalt waqt l-esekuzzjoni tal-istess, u ghadha ma thallsitx ta' dawn is-servizzi u ta' din l-assistenza;

Peress illi bhala rizultat ta' tali nuqqasijiet, negligenza u dewmien is-socjeta' attrici soffriet danni li, altrimenti, ma kienitx issofri;

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex, ghar-ragunijiet premessi;

1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli tad-danni sofferti mis-socjeta' attrici bhala rizultat tan-nuqqasijiet u/jew tan-negligenza u/jew tad-dewmien fl-esekuzzjoni tas-Sub-Appalt mis-socjeta' konvenuta;

2. Tillikwida l-imsemmija danni okkorrendo permezz tan-nomina ta’ perit jew periti;

3. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas id-danni hekk likwidati lis-socjeta’ attrici;

4. Tillikwida l-valur tas-servizzi rezi u assistenza provduta mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta waqt l-esekuzzjoni tas-Sub-Appalt, oltre dak kontemplat fis-Sub-Appalt;

5. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas il-valur hekk likwidati lis-socjeta’ attrici;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 2706/95 tal-31/10/95 kontra s-socjeta’ konvenuta, li tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol. 3 tal-process.

Rat in-**Nota tal-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta** a fol. 23 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi s-socjeta’ eccipjenti la naqset milli tonora xi obbligi li kellha taht is-sub-appalt in kwistjoni, la kienet negligenza fl-esekuzzjoni ta’ certi mill-obbligi taghha taht l-istess sub-appalt, kif lanqas ma kienet tardiva fl-esekuzzjoni ta’ xi obbligi taghha taht l-istess sub-appalt, u ghalhekk, is-socjeta’ attrici ma soffriet l-ebda danni li jistghu ikunu b’xi mod attribwibbli lis-socjeta’ eccipjenti.

2. Illi s-socjeta’ attrici ma pprovdiet l-ebda servizzi u ma tat l-ebda assistenza lis-socjeta’ eccipjenti oltre dak kontemplat fis-sub-appalt, u ghalhekk m’ghandha xejn x’tithallas mis-socjeta’ eccipjenti f’dan ir-rigward.

3. Illi huwa ovvju u manifest illi c-citazzjoni odjerna hija wahda ghal kollox frivola u vessatorja u maghmula biss in sostenn tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju Numru 2706/95 ipprezentat mill-istess socjeta’ attrici kontra s-socjeta’ eccipjenti fil-31 ta’ Ottubru 1995, liema mandat minn naha tieghu sar biss bl-iskop illi jinnewtralizza t-

talbiet validi tas-socjeta' eccipjenti fil-konfront tas-socjeta' attrici ghall-hlas ta' diversi ammonti sostanzjali dovuti ai termini tas-sub-appalt in kwistjoni, liema talbiet jikkostitwixxu il-meritu ta' kawzi ohrajn pendenti quddiem dina l-istess Qorti kif diversament presjeduta, u f'liema mandat is-socjeta' attrici kienet indikat is-somma ta' hamsa u sebghin elf liri Maltin (Lm75,000) bhala li kienu d-danni allegatament ikkagunati in konnessjoni mas-sub-appalt in kwistjoni.

4. Illi ghaldaqstant it-talbiet kollha attrici ghandhom jigi michuda fl-interita taghhom minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta' attrici.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet a fol 16, 21, u l-verbal a fol. 22 fil-kawza 1610/95 bejn l-istess partijiet deciza illum, fejn gie deciz li dina l-kawza kellha tinstemgha u tigi trattata flimkien mal-kawzi l-ohra bin-numri 1610/95, 113/96 u 1853/95 bejn l-istess partijiet u fuq l-istess mertu;

Rat id-digriet li bih gie nominat l-espert Paul Cardona;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit tekniku Paul Cardona;

Rat id-digriet li bih gew nominati periti addizzjonali;

Rat ir-relazzjoni taghhom;

Rat id-domandi li saru lill perit addizzjonali in eskussjoni u r-risposti taghhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Il-Qorti taghmel referenza ghall provi kollha li nstemghu fil-kawzi imsemmija, ghar-relazzjonijiet tal-periti teknici, u ghal konsiderazzjonijiet li dina l-Qorti ghamlet fil-kawzi msemmija, li kollha ghandhom japplikaw ghal dina l-kawza wkoll.

F’din il-kawza OCI qed jitolbu biex il-Qorti tiddikjara lis-socjeta’ Petroil responsabbli tad-danni sofferti minnha bhala rizultat tan-nuqqasijiet u/jew tan-negligenza u/jew tad-dewmien fl-esekuzzjoni tas-Sub-Appalt minn OCI; u li tillikwida l-valur tas-servizzi rezi u assistenza provduta minn OCI lis-socjeta’ Petroil waqt l-esekuzzjoni tas-Sub-Appalt, oltre dak kontemplat fis-Sub-Appalt. L-ammont totali originali mitlub kien ta’ Lm125,546 u fil-kors tal-kawza zdied ghal Lm159,477.80.

Taht {Item 1C} a fol. 278 il-perit tekniku kkonkluda li l-ammont ta’ Lm3,783.25 hu dovut lill OCI *subject to legal interpretation by the Court* u dana minhabba l-fatt li dan l-*item* ma kienx jifforma parti mit-talba originali minn OCI. Petroil jaqblu li dina ma kinitx parti mit-talba originali u ma kellhomx opportunita’ li jikkontestaw dina t-talba billi huma kienu ghalqu l-provi taghhom. Il-Qorti taqbel li dina ma kienitx parti mit-talba originali u ghalhekk ma tistax tintlaqa.

Dwar {item 9} a fol. 279 Petroil jikkontendu li huma ma kienux spiccaw il-*hand-over* tal- Operation u Maintenance Manuals minhabba l-fatt li l-pagamenti tal-progett minn OCI kienu b’lura. Petroil jaccettaw li ghandhom jehlu Lm400.

Dwar {item 11} *Supply of various items to Petroil* fl-ammont ta’ Lm263.00, Petroil mhux qed joggezzjonaw ghalih.

Dwar {item 13} a fol. 280 *Access platforms and trestles in tank field*, Petroil qed jaccettaw l-ammont ta’ Lm945.00, ghalkemm huma dejjem kienu jikkontendu li dana kien “*extra works*”; li OCI qatt ma gabu prova jew *invoice* dwar dina t-talba, u li probabilment OCI thallsu minghand Enemalta ta’ dana bhala *extra work*.

Ghalhekk hlief ghas-somma ta’ Lm1,608.00, l-ammonti l-ohra mitluba minn OCI gew michuda kollha mill-esperti nominati (ara fol 281).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talba limitatament ghas-somma ta' elf sitt mija u tmien liri Maltin (Lm1,608).
In vista ta' somma minima akkordata meta mqabbla mas-somma mitluba
L-ispejjez huma ghas-socjeta' attrici
Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------